**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 774/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Rennie Stivala u Arthur Mercieca)**

**vs**

**Anthony Bonnici**

Illum it-28 ta' Marzu 2023

Il Qorti:

Rat li l-Pulizija ressqet lil Anthony Bonnici, bin Anthony u Rose xebba Grech, imwieled Pieta nhar it-12 ta' Awwissu 1967, residenti Blokk 11, Flat 1, Hubbard Flats, Triq Alessandra, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 352769M;

U akkuzatu talli f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Fl-14 ta' Ottubru 2013, bil-hsieb li jwettaq frodi b'eghmil qarrieqi, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni tar-reat, liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, billi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn hamest elef ewro (€ 5,000) ghad-dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji ohra;

2. Fil-25 ta' Ottubru 2013, bil-hsieb li jwettaq frodi b'eghmil qarrieqi, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni tar-reat ta' frodi billi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€ 5,000) ghad-dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra, liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu;

3. u aktar talli, f'dawn il-giejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq, bi hsara ghall-haddiehor, ghamel xi qligh iehor b'qerq ghad-dannu ta' diversi persuni u/jew kumpanijia ta' assikurazzjoni;

4. u aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f xi dokument xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

5. u aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghall-haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta` kontra rriskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hinn, jew gharraq b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu;

6. u aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta probation moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. Edwina Grima LLD, nhar il-25 ta Lulju 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. talli rrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2017 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar l-4 ta' Ottubru 2019 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

- Fl-artikoli 18, 41(1)(a), 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014;

[1] Folio 23 ta' l-atti processwali
[2] Folio 230 ta' l-atti processwali

- Fl-artikoli 18, 41(1)(a), 308 u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014;
- Fl-artikoli 18, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014;
- Fl-artikoli 18 u 188 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014;
- Fl-artikoli 18, 295 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014;
- Fl-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 u 532A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tas-27 ta' Jannar 2020 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

[3] Folio 233 ta' l-atti processwali

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar l-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-18 ta' Jannar 2022.[5]

Rat illi d-difiza implicitament ghalqet il-provi taghha nhar l-10 ta' Jannar 2023 meta ukoll il-kawza giet trattata.[6]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna l-involviment tal-imputat Anthony Bonnici fi skema qarrieqa fejn allegatament gew simulati zewg incidenti tat-traffiku, li ghattaparsi sehhew fl-14 ta' Ottubru 2013 u fil-25 ta' Ottubru 2013, sabiex

[4] Folio 213-215 ta' l-atti processwali
[5] Folio 311 ta' l-atti processwali
[6] Folio 332 ta' l-atti processwali

jinkiseb kumpens b'mod indebitu minghand is-socjeta` assikuratrici relattiva Gasan Mamo Insurance liema kumpens baqa' ma thallasx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-imputat, u cioe` ghax is-socjeta` assikuratrici issuspettat li l-allegati incidenti kienu simulati u ghaddiet biex tirraporta mal-Pulizija Ezekuttiva.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**L-Ispettur Rennie Stivala[7],** stazzjonat fit-Taqsima Konta r-Reati Ekonomici, xehed fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2017. Spjega li lejn l-ahhar tas-sena 2013, diversi kumpaniji tal-assikurazzjoni kienu inghaqdu flimkien u ghamlu ghadd ta' rapporti dwar dak li kien jidher li huwa *insurance fraud*. Fost dawn ir-rapporti kien hemm dak li jikkoncerna zewg *claims* maghmula fl-14 ta' Ottubru 2013 u fil-25 ta' Ottubru 2013 mill-imputat Anthony Bonnici. Kien deher stramb li l-istess vettura kienet involuta f'zewg accidenti f'temp ta' granet bi hsarat tista' tghid identici. Il-*claims* kienu saru mill-imputat favur il-persuni l-ohrajn involuti fl-allegati accidenti u l-ammonti involuti in kwantu ta' prezz ta' tiswijiet kienu konsiderevoli. Ix-xhud spjega li fl-10 ta' Ottubru 2014 huwa kien kellem lill-imputat wara li kiseb mandat ta' arrest fil-konfront tieghu. Minn naha tieghu l-imputat, wara li kien ikkonsulta mal-Avukat Dr Lucio Sciriha kien zamm ferm li l-incidenti kienu genwini u li huwa ma kien miftiehem ma hadd izda ma kienx wiegeb ghal hafna mid-domandi maghmula lilu. B'referenza ghaz-zewg allegati incidenti riferiti, meta gie kkonfrontat li kemm

[7] Fol. 29-33 tal-atti processwali;

Charlene Spiteri u kemm Aaron Grech kienu stqarru li kienu miftehmin mieghu biex issir *messa in scena*, l-imputat kien baqa' jghid li ma jistax jifhem kif qed jghidu hekk ghax skont hu l-incidenti kienu genwini.

**Pierre Grech**[8], rapprezentant ta' Gasan Mamo Insurance, xehed fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2017. Filwaqt li kkonferma li s-socjeta` assikuratrici kienet ghamlet ir-rapporti relattivi, spejga li l-allegat incident tal-14 ta' Ottubru 2013 sehh gewwa Triq Riccardo Taylor, Bormla bejn il-vetturi KBE-793 tal-marka Peugeot, registrata fuq u misjuqa mill-imputat u l-vettura DBP-082 tal-marka VW, registrata fuq u misjuqa minn certu Charlene Spiteri. Kienet imtliet formula *front to rear* u l-*claim* giet reigstrata mill-imputat fl-14 ta' Ottubru 2013. Minhabba s-suspetti li qamu ma kien sar l-ebda hlas fir-rigward ta' dan l-incident u ukoll, ix xhud ma kienx jaf jghid jekk is-socjeta` assikuratrici kienitx ghadha waslet ghal decizjoni dwar ta' min kienet il-htija ghall-incident.

L-Allegat incident tal-25 ta' Ottubru 2013 sehh fi Triq l-Imdina, Hal Qormi u l-vetturi involuti kienu tlieta, u cioe` KBE-793 tal-marka Peugeot, registrata u misjuqa mill-imputat, EBN-621 tal-marka Mitsubishi, registrata fuq u misjuqa minn certu Aaron Grech kif ukoll HBM-482 tal-marka Nissan registrata fuq u misjuqa minn certu Ivan De Giovanni. Kienu ukoll imtlew zewg *front to rear forms* minhabba li kien hemm tlett vetturi involuti u l-*claim* saret dakinhar tal-incident stess mill-imputat. Hawn ukoll, ma sar l-ebda hlas mis-socjeta` assikuratrici minhabba s-suspetti li qamu. Il-vettura EBN-621 tal-marka Mitsubishi, li spiccat fin-nofs, kienet assikurata ma Elmo Insurance.

Ix-xhud spjega li fir-rigward taz-zewg accidenti, kienu saru *survey reports* fuq il-vetturi DBP-082, EBN-621 u HBN-482, li gew ezebiti in atti[9]. Illi minn dawn

---

[8] Fol. 34-44 ta' l-atti processwali

[9] Dok PG1- PG6, Folio 45-88 ta' l-atti processwali

id-dokumenti irrizulta li kienu saru dikjarazzjonijiet fid-dati mertu ta' din il-kawza mill-imputat. Mill-istess rapporti irrizulta li kienet saret hsara estensiva fuq il-vetturi in kwistjoni. Fuq il-vettura KBE-791 tal-imputat ma sar l-ebda *survey* minhabba li din kienet assikurata bhala *third party only*.

In kontro-ezami, ix-xhud stqarr li ma jidhirx li apparti minn dawn iz-zewg okkazjonijiet, l-imputat kien ghamel xi *claims* ohrajn mas-socjeta` assikuratrici.

**George Stagno Navarra**[10], rapprezentant ta' Elmo Insurance, xehed fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2017. Ikkonferma li l-vettura EBN-621, tal-marka Mitsubishi, registrata fuq Aaron Grech kienet fil-fatt assikurata ma Elmo Insurance bejn is-26 ta' Gunju 2013 u d-29 ta' Novembru 2013 meta l-vettura giet garaxxjata. Eskluda li mir-rekords tal-kumpanija kienet saret xi *claim* dwar incident li allegatament sehh fil-25 ta' Ottubru 2013. Ix-xhud ipprezenta certifikat tal-assikurazzjoni u dokumenti ohra relattivi.[11]

**Kenneth Camilleri**[12], rapprezentant ta' Mapfre Middlesea Insurance, xehed fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2017. Ikkonferma li l-vettura DPB-082 tal-marka VW kienet assikurata mas-socjeta` Mapfre Middlesea Insurance fuq bazi *comprehensive* bejn il-31 ta' Mejju 2013 sal-20 ta' Novembru 2013 u l-polza kienet tghajjat lil certu Charlene Spiteri. Jidher li kient saret *claim* wahda dwar incident li sehh fit-22 ta' Gunju 2013 bejn tlett karozzi. Din il-*claim* ma jidhirx li hija relevanti ghall-mertu tal-proceduri odjerni.

**Ivan Degiovanni**[13] xehed fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2017. Ix-xhud ikkonferma li l-proceduri penali li kienu ttiehdu fil-konfront tieghu jinsabu decizi definittivament fuq ammissjoni tieghu kif ukoll li huwa kien sid tal-vettura

[10] Fol. 93-95 ta' l-atti processwali
[11] Folio 95-120 ta' l-atti processwali
[12] Fol. 121-122 ta' l-atti processwali
[13] Fol. 123-126 ta' l-atti processwali

HBN-482 tal-marka Nissan. Ikkonceda li l-allegat incident tal-25 ta' Ottubru 2013 qatt ma kien sehh u kull ma kien ghamel huwa li ffirma *front to rear* form ma certu Aaron Grech biex dan jiehu l-flus minghand l-assikuratur. Kien jaf li l-allegat incident kellu jinvolvi ukoll "terza karozza" li dahlet f'Aaron Grech izda stqarr li lill-imputat ma kienx jafu. Huwa ma kienx ghamel *claim* minhabba li kien "fuq quddiem".

**Jennifer Gatt**[14], rapprezentant ta' Citadel Insurance, xehdet fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2018. Spjegat li l-vettura HBN-482 tal-marka Nissan kienet fil-fatt assikurata ma Citadel Insurance izda dwar l-allegat incident tal-25 ta' Ottubru 2013 ma kellha l-ebda dokumentazzjoni fil-fajl, indikattiva li ma kienet saret l-ebda *claim*. Il-polza relattiva kellha tkopri l-imsemmija vettura mill-1 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2014 izda kienet giet kancellata qabel it-terminu mill-assikuratur stess minhabba li nstab li kien hemm *non-disclusure* ta' *claims* sinifikanti minn naha tal-assikurat Ivan Degiovanni. Ix-xhud esebiet id-dokumenti relattivi tal-kumpannija Citadel.[15]

**Stephen Cachia**[16], in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, xehed fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020. Fir-rigward tal-vettura KBE-791 ikkonferma li din hija tat-tip Peugeot 106 u kienet ilha registrata fuq isem l-imputat Anthony Bonnici sa mil-31 ta' Dicembru 2012. Fir-rigward tal-vettura DBP-082 ikkonferma li din hija tat-tip VW Passat u illum hija registrata fuq isem certu Kurt Scicluna li huwa estranju ghal dawn il-proceduri. Fir-rigward tal-vettura HBM-482 ikkonferma li din hija tat-tip Nissan Primera u illum hija registrata fuq isem Carlos Aquilina li huwa estranju ghal dawn il-proceduri. Fir-rigward tal-vettura EBM-621 ikkonferma li din hija tat-tip Mitsubishi RVR

---

[14] Fol. 180-184 ta' l-atti processwali
[15] Dok JG1, Folio 185-189 ta' l-atti processwali
[16] Fol. 235-238 ta' l-atti processwali

u hija registrata fuq isem Aaron Grech u dan sa mil-25 ta' Lulju 2012. Ix-xhudipprezenta kopja tal-*files* ufficjali relattiva ghall-erba vetturi elenkati.[17]

**Aaron Grech**[18] xehed fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2022. Stqarr li huwa qed jiskonta sentenza dwar l-involviment tieghu fil-fatti relevanti ghall-proceduri odjerni. Fir-rigward tal-allegat incident tal-25 ta' Ottubru 2013, ikkonceda li bi ftehim mal-imputat Anthony Bonnici u certu Ivan Degiovanni huwa kien ghamel rapport falz biex jiehu l-flus minghand l-assikuratur. Ikkonferma li kien hu li mela l-*front to rear forms* relattivi u l-imputat kien iffirma wara li huwa stess kien assigurah li ma kienx ser ikun hemm problem b'din l-affari. Il-*messa in scena* kella tinvolvi n-narattiva li l-imputat dahal fil-wara tal-vettura tax-xhud, li imbaghad bl-impatt, baqa' diehel f'dik ta' Ivan Degiovanni u ghalhekk kienu saru zewg *front to rear forms*. Ikkonferma li l-imputat kien iffirma l-*front to rear form* quddiemu u tal-involviment tieghu, dak il-hin stess, kien ghaddielu s-somma ta' bejn €250 u €300 in kontanti. Ix-xhud ma kienx jaf kemm kienet giet stmata l-hsara fil-vettura tieghu mill-assikurazzjoni tal-vettura tal-imputat. Ikkonferma li s-siehba tieghu hija Charlene Spiteri, li ukoll kellha involviment fi storja simili, li taghha kienu ghaddew lill-imputat somma ta' flus simili, u cioe` bejn €250 u €300 fi flus kontanti. Spjega li fil-verita`, il-vettura tal-imputat ma kellha l-ebda daqqiet. Ix-xhud sab diffikulta` li jidentifika lill-imputat fl-awla u spjega dawn bil-fatt li kien iltaqa' mieghu ftit u kien ilu. Kien sar jafu mill-festa ta' Bormla.

**Charlene Spiteri**[19] xehdet fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2022. Ix-xhud ikkonfermat li l-proceduri kontra taghha konnessi mal-istess mertu ta' dawn il-proceduri jinsab konkluzi definittivament. Fir-rigward tal-allegat incident tal-14 ta'

---

[17] Dok SC1, Folio 238 ta' l-atti processwali
[18] Fol. 270-287 ta' l-atti processwali
[19] Fol. 288-300 ta' l-atti processwali

Ottubru 2023 ikkoncediet li dan ma kienx verament sehh filwaqt li sahqet li lill-imputat Anthony Bonnici ma kienitx tafu u probabbilment kienu fethmu Aaron Grech u l-imputat. Imbaghad, hi iffirmat id-dokumenti ma Aaron Grech. Spjegat li Aaron Grech huwa is-sieheb taghha. Sa fejn taf hi, ix-xhud spjegat li is-sieheb taghha Aaron Grech kien jaf lill-imputat ghax kien iltaqa' mieghu fil-festa ta' Bormla u kienu tkellmu bejniethom. Kellha tiffirma l-*front to rear form* hi minhabba li l-vettura allegatament involuta, u cioe` il-VW Passat, kienet tghajjat lilha. Ikkonfermat li kienu ghaddew xi flus bejn Aaron Grech u l-imputat tas-sehem tieghu fil-vicenda izda ma kienitx taf b'certezza kemm. Ix-xhud gharfet u kkonfermat l-istqarrija li hija kienet tat lill-Pulizija fl-2014, liema stqarrija giet ezebita in atti. Murija il- *front to rear form*, ix-xhud stqarret li meta inghatat lilha minn Aaron Grech, din kienet diga` mimlija u hi kemm iffirmat.[20] Fir-rigward tal-firma l-ohra li hemm fuq id-dokument, eskludiet li hija l-firma ta' Aaron Grech.

**L-imputat Anthony Bonnici[21],** xehed minn rajh fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022. Stqarr li kellu accident ma wiehed "kemm ilqattlu l-*bumper* u l-fanal" u kien fil-fatt mar ihallas il-*claim* mal-assikuratur tieghu. "Wara xi xahrejn", skont hu, kellu accident iehor u ma min habat kien qallu "issa nirrangaw kollox ghax jien nahdem mal-*Insurance*" u l-ghada tal-accident mar ghand l-assikuratur u saret il-*claim*. Stqarr li b'kollox, kien iffirma zewg dokumenti rigwardanti dawn iz-zewg accidenti. In kontro-ezami, rigward l-incident tat-13 ta' Ottubru 2013, l-imputat sahaq li hu kien habat f'ragel u mhux f'Charlene Spiteri, u cioe` mara. Rigward l-allegat incident l-iehor, cahad li kien sehh biss tnax-il jum wara u cahad ukoll li kien hemm zewg karozzi ohrajn involuti. Skond hu kien hemm biss wahda u l-accident kien sehh xi xahrejn wara l-ewwel wiehed. Fir-rigward

[20] Dok RSX1, Folio 301-306 ta' l-atti processwali
[21] Fol. 314-320 ta' l-atti processwali

tal-*front to rear form* relattiva ghall-accident tal-14 ta' Ottubru 2013 (Fol. 45), l-imputat sab diffikulta` biex jaghraf il-firma tieghu fuq id-dokument. Mill-banda l-ohra, huwa gharaf facilment il-firma tieghu fuq il-formola relattiva ghall-accident tal-25 ta' Ottubru 2013 (Fol. 68). Sahaq li Aaron Grech, Charlene Spiteri u Ivan Degiovanni ghandhom interess li jigdbu fuqu "biex il-kaz taghhom inaqqsuh". Mistoqsi jekk effettivament kienx ircieva flejjes minghand l-assikuratur, wiegeb fin-negattiv.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[22] ta' l-imputat ittiehdet nhar l-10 ta' Ottubru 2014 fl-ufficju ta' l-Ispettur Rennie Stivala fil-prezenza ta' PC 810 Antoine Galea u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni, fejn fil-fatt, ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Lucio Sciriha.

Illi l-imputat ghazel li ma jwiegibx id-domandi maghmula lilu u ukoll ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali - Ir-reat tat-truffa u ta' lukru frawdolent innonimata**

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Aaron Mizzi**[23] fejn inghad li

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett*

[22] Folios 3-4 ta' l-atti processwali
[23] Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Michael Mallia; Appell Numru 225/2014

*attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sempliċi gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.*

*Illi fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-element ta' dolo hekk kif ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza L-Pulizija vs. Charles Zarb deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) huwa car: Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. (enfasi tal-esponent)."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou**[24] fejn intqal:

*For the Crime as configured under the charges of the case the following elements must subsist;*

*1. The agent must have used the means these being those mentioned in Article 308 (by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence).*

[24] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 29 ta' Settembru 2020; App Nru: 135/2018

*2. The agent's action must have led the victim to part with an object, the dispossession is with the victims consent.*

*3. There must be the intention of defrauding another with the intention of making an unjust gain.*

*4. Finally an actual unjust gain must have actually been made.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs George Manicolo**[25] fejn gie ikkonfermat:

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-bidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f' dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici: Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa kompriz u involut f' dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodici. Dan johrog car minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza in materja."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal-kaz **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** intqal (u li sussegwentement giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali[26]:

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fissentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun*

[25] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998

[26] Deciza 17 ta' Mejju 2012; Appell Numru 139/2011

*hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir- reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. IlQorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 talKodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'lingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h.setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, cjaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*".... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess filmenti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate,*

*inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat filmument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella*

*conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat- truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (IlPulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir- reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir- reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il- Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment minnaha l-ohra."*

*Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u*

*dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament millimputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-vouchers ipprezentati millimputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'lartikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Charles Zarb**[27] fejn intqal:

*"Ghar-reat ta' truffa hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm lintenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l- element intenzjonali ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**[28] fejn gie spejgat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

[27] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Carmel A Agius; Deciza 22 ta' Frar 1993
[28] Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali; Deciza 15 ta' Dicembru 2011

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:*

*'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.'*

*Antolisei jkompli jghid pero li*

*'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.'*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."*

**Frodi dwar sigurta -**

Il-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 295 tal-Kodici Kriminali li jghid:

> *"Kull min bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, jiddistruggi, ixerred 'l hawn u 'l hemm jew jgharraq b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn, u, jekk jasal fil-hsieb tieghu, minn disa' xhur sa tliet snin."*

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Illi minn dak li rat u semghet il-Qorti jirrizulta kaz ta' *insurance fraud* sabiex l-imputat jaghmel qliegh u gwadan ghalih innifsu. Illi dan sar bis-sahha ta' persuni ohra li kienu komplici mieghu ghal dan kollu. Illi dawn il-persuna l-ohra involuti, u cioe Charlene Spiteri, Aaron Charles Zahra u Ivan deGiovanni xhedu fit-tul dwar l-involviment taghhom u kontra l-istess imputat. Illi whud minn dawn ix-xhieda kienu qeghdin jiskontaw sentenzi huma stess dwar l-istess reati li kienu diga misjuba hatja taghhom.

Illi dawn it-tliet xhieda, b'mod akkurat u dettaljat spjegaw l-involviment ta' l-imputat innifsu fil-pjan taghhom. Spjegaw kif pjanaw u wettqu r-reat in kwistjoni. Flimkien ma dawn ix-xhieda, il-prosekuzzjoni resqet ufficjali sabiex jikkorraboraw dawn il-fatti. Flimkien ma dawn ix-xhieda gew esebiti d-dokument li jikkonferma li dawn ir-reati twettqu fid-dati in kwistjoni u li kienu saru bil-ghan ahhari li jiffrodaw

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-

prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxiliha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet kollha imressqa kontra l-imputat u li taghhom ghandu jigi misjub hati.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva u ksur ta' Ordni ta' Probation**

Illi l-imputat Anthony Bonnici gie akkuzat wahdu ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li jigi misjub hati tali kiser kundizzjonijiet imposti fuqu skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-prosekuzzjoni esebit zewg sentenzi f'dawn ir-rigward. Ghandu jinghad li wahda minn dawn s-sentenzi kienet dwar serq, hsara u ricetazzjoni u l-ohra dwar hsara.

Illi fir-rigward dawn is-sentenzi l- Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali.

Ghaldaqstant mill istess verbali tas-seduti ma jirrizultax li kien hemm ezenzjoni ta' l-ufficjal prosekutur sabiex jikkonfermaw dawn is-sentenzi. Ma dan kollu l-Qorti xorta tqis is-sentenzi in kwistjoni bhala validi in vista tal-fatt li l-konotati jaqblu ma dawk ta' l-imputat.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tal-25 ta' Lulju 2012 moghtija mill-Magistrat (dak iz-zmien) Dr. Edwina Grima[29] l-imputat fuq ammissjoni tieghu stess

[29] Folio 24-26 ta' l-atti processwali

tqieghed fuq ordni ta' probation skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tlett snin. Illi r-reati mertu ta' din il-kawza saru f'Ottubru 2013 u cioe entro t-terminu tal-perjodu operattiv ta' sena ta' l-Ordni tal-Probation.

Illi b'din is-sentenza l-Qorti tqis li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni tal-Probation u sejra tghaddi sabiex issibu hati tas-sitt imputazzjoni dedotta kontrih.

Madankollu stante li l-imputat kien tqieghed taht Ordni ta' Probation skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dan il-kaz, sentenza fejn il-persuna jinghata piena skont il-Kapitolu 446 ma jistax jitqies li huwa recediv. F'dan ir-rigward Il-Qorti taghmel referenza sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** mghotija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004 kif ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Zahra** fejn il-Qorti stqarret li la darba s-sentenza mghottija hija ta' Ordni ta' Probation jew jigi liberat bil-kundizzjonijiet dawn ma jikkostitwixxu kundanna u ma jistghu jittiehdu ai fini tal-addebitu tar-recidiva. Ghaldaqstant din is-sentenza mhix ser tigi kkunsidrata bhala prova tar-recidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita ta' l-14 ta' Ottubru 2009 moghtija mill-Magistrat (dak iz-zmien) Dr. Jacqueline Padovani Grima[30], l-imputat fuq ammissjoni tieghu stess gie ikkundannat perjodu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn kif ukoll ordni ta' hlas ta' kumpens.

[30] Folio 27-28 ta' l-atti processwali

Illi l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk, l-addebitu tar-recidiva japplika jekk wara kundanna, il-malvivent jaghmel atti kriminali li jikkostitwixxu reat. F'dan il-kaz, l-atti kriminali li bihom gie mixli l-imputat f'din il-kawza huma precedenti ghall-kundanna tas-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009. Konsegwentement, l-addebitu tar-recidiva jista jinghad li jirrizulta a bazi ta' din is-sentenza.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li permezz ta' din is-sentenza l-imputat jista jigi kkunsidrat recidiv.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat[31] li hija wahda voluminuza u tindika tendenzi refrattarji, biss li ma jidhirx li qatt instab hati ta' reati simili ghall-dawk addebitati permezz tal-akkuzi odjerni.

- L-imputat huwa recidiv skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk is-sentenza tista taghti lok ghal zieda fil-piena taht l-artikoli imsemmija. L-imputat ukoll kiser Ordni ta' Probation.

- Il-Qorti qiset ukoll li dawn ir-reati saru fis-sena 2014 u ghalhekk ghandu japplika l-ligi dak iz-zmien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att XXIV tal-2014.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17; 18, 31, 39; 41(1)(a); 49; 50; 188; 295; 308; 309; 310; 310(1)(a); 310(1)(b) u 532A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014, kif ukoll l-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 Ligijiet ta' Malta, issib lil Anthony Bonnici **hati** ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u filwaqt li taghzel li titratta dwar il-ksur ta' l-Ordni tal-Probation tikkundannah piena kumplessiva ta' **tlett (3) snin prigunerija** li minnhom ghandhom jigu mnaqqsa dawk gia skontati taht arrest preventiv jekk ikun il-kaz.

**Moghtija illum nhar it-28 ta' Marzu 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

[31] Folio 5-7 ta' l-atti processwali

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**